# FIL-QORTI KRIMINALI

## Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)

**Illum 27 ta' Frar 2023**

**Att t'akkuża numru 6/2017 fl-ismijiet:**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs.**
**Marlon APAP**

**ta' 39 sena, iben Victor u Angelica nee' Vella, imwieled Pieta', Malta fit-2 ta' Settembru 1977, u residenti 38, 'Merħba', Triq Amleto Spiteri, Ħal-Qormi, detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 459977(M).**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi fil-konfront ta' **Marlon APAP** fejn ġie akkużat talli:

| |
|---|
| L-EWWEL (1) KAP<br><br>***Assoċjazzjoni għall-bejgħ jew traffikar ta' raża tal-Cannabis*** |

**<u>Il-fatti</u>:**

Illi ftit qabel il-Milied tas-sena Elfejn u Għaxra (2010), l-akkużat **Marlon Apap** iltaqa' ma' ċertu 'Charlie', u cioe' Charles Paul Muscat ġewwa bar f'Buġibba, Malta. Dan 'Charlie', li huwa Għawdxi nvolut fiċ-ċrieki ta' traffikar

ta' droga ġewwa l-gżira Għawdxija, xtaq jixtri xi raża tal-*Cannabis*. L-akkużat **Marlon Apap** kien jaf li ħabib tiegħu – ċertu Brian Godfrey Bartolo – seta' jipprovdih b'din id-droga, u għaldaqstant iddeċieda li jassoċja ruħu miegħu sabiex flimkien jipprovdu u jittraffikaw din id-droga lil Charles Paul Muscat;

Illi sabiex jinnegozjaw u jikkonkludu l-ftehim għall-konsenja tad-droga *Cannabis,* il-partijiet ta' din l-assoċjazzjoni, u cioe' l-akkużat **Marlon Apap** u Brian Godfrey Bartolo telgħu Għawdex nhar is-Sibt 22 ta' Jannar tas-sena Elfejn u Ħdax (2011), fejn, ġewwa l-lokalita' tal-Munxar iltaqgħu ma' Charles Paul Muscat sabiex jiftehemu dwar l-ammont u l-prezz. Charles Paul Muscat ried erbgħa (4) blokok raża tal-*Cannabis*. L-akkużat **Marlon Apap** talab lil Charles Paul Muscat is-somma ta' elf u mitt Ewro (€1,100) għal kull blokka, pero' wara xi negozjati ftehemu fuq il-prezz ta' elf Ewro (€1,000) għal kull blokka. **Marlon Apap** u Brian Godfrey Bartolo ftehemu ma' Charles Paul Muscat li kellhom itellgħulu d-droga ġewwa Għawdex tlitt (3) ijiem wara, u cioe' fil-Ħamsa w Għoxrin (25) ta' Jannar, u huwa jħallashom is-somma ta' erbat elef Ewro (€4,000) mal-konsenja;

Illi l-ftehim bejn l-akkużat **Marlon Apap** u Brian Godfrey Bartolo kien li Bartolo jipprokura d-droga *Cannabis* bil-prezz ta' disa' mitt Ewro (€900) kull blokka, huma jwassluha u jbiegħuha lil Charles Paul Muscat ġewwa Għawdex kif fuq indikat bil-prezz ta'  Elf Ewro (€1,000) kull blokka, u jaqsmu l-profitt f'sehem indaqs bejniethom. B'hekk l-akkużat **Marlon Apap** u Brian Godfrey Bartolo kkumbinaw u ftehemu l-mezzi li bihom kellhom jimxu in esekuzzjoni ta' dan il-pjan tagħhom;

Illi in esekuzzjoni ta' dan il-pjan maħsub, ikkumbinat, u miftiehem minn qabel, fil-Ħamsa w Għoxrin (25) ta' Jannar tas-sena Elfejn u Ħdax (2011) l-akkużat **Marlon Apap** u l-komparteċipi f'din l-assoċjazzjoni Brian Godfrey Bartolo qabdu erbgħa (4) blokok raża tal-*Cannabis*, poġġewhom ġo *haversack*, għabbewhom fil-vettura *Mercedes-Benz* ta' lewn *silver* bin-numru tar-reġistrazzjoni MRL-977, proprjeta' ta' l-akkużat **Marlon Apap**, u qabdu t-triq lejn Għawdex sabiex jissupplixxu din id-droga, kif miftiehem, lil Charles Paul Muscat;

Illi li ma kenux jafu l-akkużat **Marlon Apap** u Brian Godfrey Bartolo kien li l-Pulizija kellha nformazzjoni kunfidenzjali li kienet ser issir din il-konsenja ta' droga, u għaldaqstant il-Pulizija kienu għassa ġewwa ċ-Ċirkewwa jistennew lil  **Marlon Apap** u Brian Godfrey Bartolo jaslu biex jaqbdu l-vapur għal Għawdex bil-konsenja msemmija. Fil-fatt, fil-Ħamsa w Għoxrin (25) ta' Jannar tas-sena Elfejn u Ħdax (2011) għall-ħabta tas-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija (17:45 hrs.) deheret riesqa lejn il-moll taċ-Ċirkewwa l-vettura *Mercedes-Benz* ta' lewn *silver* bin-numru tar-reġistrazzjoni MRL-977 misjuqa mill-akkużat **Marlon Apap** u b'Brian Godfrey Bartolo bħala passiġġier. Il-Pulizija nterċettaw din il-vettura, fejn, ġo *haversack* ta' lewn blu li kien ħdejn saqajn il-passiġġier instabu l-erbgħa (4) blokok raża tal-*Cannabis* kif ukoll żewġt iqratas b'ammont żgħir ta' *Cannabis;*

Illi l-akkużat **Marlon Apap** u l-kompartecipi f'din l-assoċjazzjoni Brian Godfrey Bartolo ġew arrestati, fejn, wara li ingħata d-drittijiet kollha tiegħu skond il-liġi, l-akkużat **Marlon Apap** ammetta l-involviment tiegħu f'din l-assoċjazzjoni u għen lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet ulterjri tagħhom;

Illi minn analiżi fuq id-droga misjuba li saret mill-Ispiżjar Mario Mifsud, u cioe' l-espert maħtur mill-Maġistrat Inkwerenti, rriżulta li l-erbgħa (4) blokok kienu fil-fatt droga raża tal-*Cannabis* u kellhom piż kumplessiv ta' disa' mija u wieħed u tmenin punt zero ħamsa grammi (981.05g). Il-biċċiet żgħar li nstabu fiż-żewġ (2) qratas kienu wkoll droga raża tal-*Cannabis* fl-ammont kumplessiv ta' madwar gramma (1g).

Illi li ma kienx għall-intervent f'waqtu mill-Pulizija, l-assoċjazzjoni kriminuża bejn l-akkużat **Marlon Apap** u Brian Godfrey Bartolo kienet se twassal biex kważi kilo droga *Cannabis* issib ruħha fis-suq tad-droga Għawdxi;

Illi d-droga *Cannabis* hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Il-konsegwenzi** :

Illi b'għemilu, l-akkużat **Marlon Apap** sar ħati talli assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina f'Malta (raża tal-pjanta *Cannabis*) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

**L-akkuża** :

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmi **Marlon Apap** ħati talli fil-Ħamsa w Għoxrin (25) ta' Jannar tas-sena Elfejn u Ħdax (2011) u matul il-ġimgħat ta' qabel, **assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina f'Malta (raża tal-pjanta *Cannabis*) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.**

**Il-piena mitluba** :

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Marlon Apap,** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf erba' mija tmienja u sittin Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67), u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oġġetti

kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobbli tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(b)(e), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A, u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939), u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**IT-TIENI (2) KAP**

***Traffikar ta' raża tal-Cannabis***

**<u>Il-fatti</u> :**

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fl-Ewwel (1) Kap ta' dan l-Att ta'Akkuża, u cioe' fil-Ħamsa w Għoxrin (25) ta' Jannar tas-sena Elfejn u Ħdax (2011) u matul il-ġimgħat ta' qabel, l-akkużat **Marlon Apap** iddeċieda li jbiegħ jew xort'oħra jittraffika r-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis*. Għal dan il-għan huwa assoċja ruħu ma' Brian Godfrey Bartolo kif intqal fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att ta' Akkuża sabiex jissupplixxi d-droga raża tal-*Cannabis* lil Charles Paul Muscat ġewwa Għawdex;

Illi nhar is-Sibt 22 ta' Jannar tas-sena Elfejn u Ħdax (2011), l-akkużat **Marlon Apap** tela' Għawdex flimkien ma' Bartolo fejn, ġewwa l-lokalita' tal-Munxar iltaqgħu ma' Charles Paul Muscat sabiex jinnegozjaw l-ammont u l-prezz. Charles Paul Muscat ried erbgħa (4) blokok raża tal-*Cannabis*. L-akkużat **Marlon Apap** talbu s-somma ta' elf u mitt Ewro (€1,100) għal kull blokka, pero' wara xi negozjati ftehemu fuq il-prezz ta' elf Ewro (€1,000) għal kull blokka. **Marlon Apap** u Bartolo ftehemu ma' Charles Paul Muscat li kellhom itellgħulu d-droga ġewwa Għawdex tlitt (3) ijiem wara, u cioe' fil-Ħamsa w Għoxrin (25) ta' Jannar, u huwa jħallashom is-somma ta' erbat elef Ewro (€4,000) mal-konsenja;

Illi tlitt (3) ijiem wara, u cioe' fil-Ħamsa w Għoxrin (25) ta' Jannar tas-sena Elfejn u Ħdax (2011) l-akkużat **Marlon Apap** u Brian Godfrey Bartolo qabdu l-erbgħa (4) blokok raża tal-*Cannabis*, poġġewhom ġo *haversack*, għabbewhom fil-vettura *Mercedes-Benz* ta' lewn *silver* bin-numru tar-reġistrazzjoni MRL-977, proprjeta' ta' l-akkużat **Marlon Apap**, u qabdu t-triq lejn Għawdex sabiex jissupplixxu, jikkonsenjaw, u kwindi jittraffikaw din id-droga, kif miftiehem, lil Charles Paul Muscat;

Illi kif intqal fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att ta' Akkuża, għall-ħabta tas-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija (17:45 hrs.) l-Pulizija li kienu appożitament għassa

ġewwa ċ-Ċirkewwa raw din il-vettura riesqa lejn il-moll, misjuqa mill-akkużat **Marlon Apap** u b'Brian Godfrey Bartolo bħala passiġġier. Il-Pulizija nterċettaw din il-vettura, fejn, ġo *haversack* ta' lewn blu li kien ħdejn saqajn il-passiġġier instabu l-erbgħa (4) blokok raża tal-*Cannabis* kif ukoll żewġt iqratas b'ammont żgħir ta' *Cannabis;*

Illi l-akkużat **Marlon Apap** u l-ko-awtur tiegħu Brian Godfrey Bartolo ġew arrestati, fejn, wara li ingħata d-drittijiet kollha tiegħu skond il-liġi, l-akkużat **Marlon Apap** ammetta l-involviment tiegħu f'dan it-traffikar u għen lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet ulterjri tagħhom;

Illi minn analiżi fuq id-droga misjuba li saret mill-Ispiżjar Mario Mifsud, u cioe' l-espert maħtur mill-Maġistrat Inkwerenti, rriżulta li l-erbgħa (4) blokok kienu fil-fatt droga raża tal-*Cannabis* u kellhom piż kumplessiv ta' disa' mija u wieħed u tmenin punt zero ħamsa grammi (981.05g).

Illi d-droga *Cannabis* hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Il-konsegwenzi</u> :**

Illi b'għemilu l-akkużat **Marlon Apap** sar ħati talli biegħ jew xort'oħra ittraffika fir-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>L-akkuża</u> :**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmi **Marlon Apap** ħati talli fil-Ħamsa w Għoxrin (25) ta' Jannar tas-sena Elfejn u Ħdax (2011) u matul il-ġimgħat ta' qabel, **biegħ jew xort'oħra ittraffika fir-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**<u>Il-piena mitluba</u> :**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmiji akkużat **Marlon Apap,** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf erba' mija tmienja u sittin Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67), u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobbli tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(b)(e), 9, 10(1), 12,

22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A, u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939), u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**IT-TIELET (3) KAP**

***Pussess Aggravat ta' raża tal-Cannabis***

**<u>Il-fatti</u> :**

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fl-Ewwel (1) u fit-Tieni (2) Kapi ta' dan l-Att ta'Akkuza, u cioe' fil-Ħamsa w Għoxrin (25) ta' Jannar tas-sena Elfejn u Ħdax (2011), għall-ħabta tas-sitta neqsin kwart ta' filgħaxija (17:45 hrs.), il-Pulizija waqqfu ġewwa ċ-Ċirkewwa l-vettura *Mercedes-Benz* ta' lewn *silver* bin-numru tar-reġistrazzjoni MRL-977, proprjeta' ta' l-akkużat **Marlon Apap**. Din il-vettura kienet qegħdha tinstaq mill-akkużat **Marlon Apap** u b'Brian Godfrey Bartolo bħala passiġġier. Ġo *haversack* ta' lewn blu li kien ħdejn saqajn il-passiġġier il-Pulizija sabu erbgħa (4) blokok raża tal-*Cannabis* kif ukoll żewġt iqratas b'ammont żgħir ta' *Cannabis;*

Illi minn analiżi fuq id-droga misjuba li saret mill-Ispiżjar Mario Mifsud, u cioe' l-espert maħtur mill-Maġistrat Inkwerenti, rriżulta li l-erbgħa (4) blokok kienu fil-fatt droga raża tal-*Cannabis* u kellhom piż kumplessiv ta' disa' mija u wieħed u tmenin punt zero ħamsa grammi (981.05g). Il-biċċiet żgħar li nstabu fiż-żewġ (2) qratas kienu wkoll droga raża tal-*Cannabis* fl-ammont kumplessiv ta' madwar gramma (1g);

Illi bl-esklużjoni tal-gramma (1g) *Cannabis* li nstabet fiż-żewġt iqratas, is-sustanza perikoluża l-oħra, u cioe' l-erbgħa (4) blokok raża tal-*Cannabis* bil-piż kumplessiv ta' disa' mija u wieħed u tmenin punt zero ħamsa grammi (981.05g) ċertament ma' kenitx intiża għall-użu personali ta' l-akkużat **Marlon Apap** (jew ta' sieħbu Brian Godfrey Bartolo), iżda, kif spjegat fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, kienet intiża sabiex tiġi konsenjata lil Charles Paul Muscat u ittraffikata ġewwa Għawdex. Minbarra li l-ammont ta' droga nvoluta u ċ-ċirkostanzi li fihom instabet ċertament li ma jindikawx li d-droga in kwistjoni kienet fil-pussess ta' l-akkużat għall-użu esklussiv u personali tiegħu, l-akkużat **Marlon Apap** stess stqarr li din id-droga kienet intiża biex tiġi traffikata ġewwa Għawdex;

Illi d-droga *Cannabis* hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-akkużat **Marlon Apap** ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenzja maħruġa bil-Liġi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluza.

**Il-konsegwenzi :**

Illi b'għemilu, l-akkużat **Marlon Apap** sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet din id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

**L-akkuża :**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmi **Marlon Apap** ħati talli fil-Ħamsa w Għoxrin (25) ta' Jannar tas-sena Elfejn u Ħdax (2011) **kellu fil-pussess tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis*** meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u **b'dan illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet din id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.**

**Il-piena mitluba :**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Marlon Apap,** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf erba' mija tmienja u sittin Ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67), u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull

flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(a), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A, u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939), u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha proċesswali, kif ukoll l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkużat, Marlon APAP, mistoqsi jekk huwiex ħati skond l-Att tal-Akkuża, wieġeb billi stqarr illi huwa ħati tal-akkużi kollha lilu addebitati fl-Att tal-Akkuża surriferit.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba u tatu żmien biżżejjed sabiex, wara li jkun ukoll ikkonsulta privatament mal-avukat tal-fiduċja tiegħu, jirrifletti sew fuq din id-deċiżjoni tiegħu u jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa' lura minnha, u dan skont kif obbligata li tagħmel fis-sensi tal-artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat illi wara d-dekors ta' dan iż-żmien, il-Qorti reġgħet sejħet il-kawża tal-akkużat u l-istess akkużat, debitament assistit mill-avukat tal-fiduċja tiegħu ġie mistoqsi mill-Qorti jgħid x'kienet se tkun id-deċiżjoni aħħarija tiegħu u bi tweġiba l-akkużat baqa' jtenni li huwa ħati.

**Għaldaqstant, fid-dawl ta' din l-ammissjoni inkondizzjonata u li ġiet imtennija, il-Qorti tiddikjara lil Marlon APAP ħati talli fil-Ħamsa w Għoxrin (25) ta' Jannar tas-sena Elfejn u Ħdax (2011) u matul il-ġimgħat ta' qabel:**

1. **assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina f'Malta (raża tal-pjanta *Cannabis*) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni;**
2. **biegħ jew xort'oħra ittraffika fir-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta**.
3. **kellu fil-pussess tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta *Cannabis* meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew**

**għall-esportazzjoni maħruġ skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet din id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.**

Rat ir-rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u l-akkużat Marlon APAP datat 8 ta' Frar 2023 fejn filwaqt li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali, talbu lil din l-Qorti li, fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat Marlon APAP għall-akkużi miġjuba kontrih, prevja dikjarazzjoni da parti tar-rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija li l-akkużat għandu jibbenefika mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta b'żewġ gradi, il-piena li għandha tiġi nflitta fuqu minn din l-istess Qorti għandha tkun waħda ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' sentejn u sitt xhur flimkien ma multa ta' elfejn u ħames mitt euro (€2500) flimkien mal-ispejjeż peritali inkorsi f'dawn il-proċeduri u kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitoli 9 u 101 tal-Liġijiet ta' Malta, fosthom il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta mobbli u immobbli appartenti lill-istess rikorrent akkużat Marlon APAP.

## Ikkunsidrat

Illi din il-Qorti fliet ġurisprudenza kemm reċenti kemm passata fir-rigward ta' reati li bihom ġie mixli u nstab ħati l-akkużat u dan inkluż l-istess tip ta' droga possjeduta minnu, u kwantitajiet u perċentwali ta' purita tal-ingredjent attivi li jew kienu simili jew li l-Qorti qiesithom b'mod proporzjonali. Din il-Qorti ħadet kont tal-fatt li l-piena inflitta f'dawk il-każijiet, għalkemm setgħet kienet ispirata wkoll mil-qrubija fin-natura, kwalita u kwantita tad-droga involuta fihom, kienet tieħu wkoll kont taċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ b'mod li allura dawk is-sentenzi u pieni mogħtija ma jistgħux jiġu meqjusa bħala li jorbtu lil din il-Qorti fl-imposizzjoni tal-piena f'dan il-każ in kwantu anke dan il-każ għandu l-fattezzi u pekuljaritajiet tiegħu li huma diversi minn dawk imsemmija iżjed l-isfel. Iżda, anke bħala gwida għal sentenzjar idoneju, din il-Qorti ħadet

kont ta' diversi sentenzi kemm dawk deċiżi minn din il-Qorti kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri matul iż-żminijiet fosthom fil-kawżi **Ir-Repubblika ta' Malta vs.**

**Mohamed Mohamed Abusetta**, deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003 (Appell Superjuri)
**Anthony Calleja**, deċiża nhar it-18 ta' Mejju 2011;
**Owen Bonnici**, deċiża nhar id-19 ta' Mejju 2011 (Appell Superjuri);
**Jonathan Cassar**, deċiza nhar it-2 t'Ottubru 2014;
**Steven Micallef**, deċiża nhar l-24 ta' Frar 2016;
**Daniele Paterno'**, deċiża nhar il-25 ta' Frar 2016;
**Mamadi Keita**, deċiża nhar is-6 t'April 2016;
**Albert Tanti**, deċiża nhar it-23 ta' Novembru 2016; kif ukoll
**Isaac Unigwe**, deċiża nhar is-16 t'Ottubru 2019 (Appell Superjuri);
**Brian Godfrey Bartolo**, deċiża nhar l-1 ta' Frar 2021, li fil-fatt kien jitratta wkoll iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ fejn Bartolo kien il-fornitur tad-droga li kellha titwassal għand id-destinatarju finali tagħha grazzi wkoll għall-intermedjazzjoni tal-akkużat;
**Abel Fernandez Vasquez;** deċiża nhar it-28 t'April 2022;
**Abigail Abidemi Aborishade,** deċiż nhar is-6 ta' Diċembru 2022; nonche
**Gaetano Campailla,** deċiża illum stess qabel din il-kawża.

Ħadet ukoll kont tal-ġurisprudenza Maltija kif ukoll dik estera fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-ħati meta dan jirreġistra ammissjoni bikrija fi proċeduri kriminali fosthom **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Lulju 2002 nonche **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa** deċiża nhar is-17 ta' Lulju 2002;

Rat ix-xiehda tax-Xjenzat Mario Mifsud u r-relazzjoni tiegħu rigwardanti s-sejba tad-droga msemmija, fejn irriżulta li l-erbgħa (4) blokok kienu fil-fatt droga raża tal-*Cannabis* u kellhom piż kumplessiv ta' disa' mija u wieħed u tmenin punt zero ħamsa grammi (981.05g). Il-biċċiet żgħar li nstabu fiż-żewġ (2) qratas kienu wkoll droga raża tal-*Cannabis* fl-ammont kumplessiv ta' madwar gramma (1g).

**Ikkunsidrat**

Illi kif ġie deċiż ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler et** deċiża fis-26 ta' Frar 2009 fejn intqal is-segwenti:

S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

Apparti minn hekk din il-Qorti ħadet konsiderazzjoni wkoll tas-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Bonnici** deċiża nhar id-19 ta' Mejju 2004 fejn din il-Qorti kienet ukoll iċċitat siltiet mill-Blackstone preċiżament fir-rigard ta' meta akkużat ikun meritevoli jew le li jingħata skont fil-piena li jkollha tiġi imposta. Fil-fatt dik il-Qorti kienet qalet li:

Issa pero' kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] , l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem , jew b' xi forma ta' dritt jew awtomatikament , tissarraf f' riduzzjoni fil-piena.
Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**" , [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran segwenti mill-**BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) :-

**"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established , the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In *Buffery* ( [1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender . An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (*Hoult* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (*Wood* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( *Guy* [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable , any discount may be reduced or lost (*Morris* [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons , such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* [1985] 85 Cr. App. R. 281; *Okee* [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (*Williams* [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is *Costen* [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may**

**be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence , and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain …..''**

## Ikkunsidrat

Din il-Qorti kkunsidrat ix-xiehda tal-Assistent Kummissarju Dr. Dennis Theuma minn fejn jirriżulta li l-akkużat fil-fatt kien jimmerita f'dan il-każ li huwa jingħata l-benefiċċju tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u dan wara li f'dan il-każ APAP kien inqabad flimkien ma' ċertu Brian Godfrey Bartolo telgħin iċ-Ċirkewwa b'kilo reżina meħuda mill-pjanta cannabis li kienet destinata għal Charles Paul Muscat, li l-ġuri tiegħu huwa pendenti. APAP ikkopera mal-Pulizija u tahom dettalji importanti kemm fil-konfront ta' Bartolo u kif ukoll fil-konfront ta' Muscat. Permezz tal-istqarrija ġuramentata tiegħu l-akkużat APAP għen lil Pulizija biex setgħu jsaħħu l-każ biex eventwalment jitressaq kemm Bartolo kif ukoll Muscat quddiem il-Ġustizzja.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet li qegħdin jiġu mqassra kif se jingħad:

L-Avukat Ġenerali saħaq illi fil-fattespecie partikolari dan kien każ li kien jimmerita li jmur lejn il-minimum tal-piena erogabbli minn din il-Qorti bħala Qorti Kriminali u mhux għall-minimum li huwa erogabbli mill-Qorti tal-Maġistrati. Illi mill-atti kien jirriżulta li fil-bidu ta' dawn il-proċeduri kriminali kontra tiegħu l-akkużat kien diġa irreġistra ammissjoni għal żewġ imputazzjonijiet – ossija dawk tat-traffikar tar-raża meħuda mid-droga cannabis u dak tal-pussess kwalifikat tagħha; iżda fil-kontemp huwa kien ikkontesta l-imputazzjoni tal-assoċjazzjoni. Minħabba f'hekk l-akkużat kellu jibqa' suġġett għall-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati li segwiet imbagħad bl-att tal-akkuża fl-2017.

Inoltre, f'dan il-każ jirriżulta li minħabba dan il-fatt kien hemm trapass taż-żmien twil. Fil-fatt jirriżulta li fil-frattemp, APAP irriforma ruħu kompletament. Huwa kien saħansitra attenda kors universitarju b'suċċess u akkwista wkoll diploma. Iżjed minn hekk jirriżulta li l-akkużat kien ukoll milqut minn sitwazzjoni ta' saħħa ħażina u illum huwa persuna b'diżabilita. Iżda minkejja dan huwa wkoll għamel sforz u anke ħa sehem fl-i Special Olympics fejn huwa rrapreżenta lil Malta u allura anke hawn wera ċerta atteġġjament pożittiv lejn ir-riforma tiegħu. Minbarra dan

jirriżulta wkoll li huwa ilu snin *clean*, ossija ma jirriżulta li abbuża mid-droga.

L-Avukat Ġenerali insista wkoll li f'Malta, għalkemm ma hawnx sistema ta' "sentencing policy" formali, huwa fatt magħruf li l-Qrati jagħtu każ ta' każijiet oħra li jkunu ġew deċiżi minnhom fil-passat u fis-sentenzi tagħhom iqisu l-fatti li fuqhom Qrati preċedenti jkunu waslu li jsawru l-pieni tagħhom fuqhom. Fil-fatt f'dan il-qasam jirriżulta ċar li l-pieni mogħtija minn dawn il-Qrati fir-rigward tal-abbuż mid-droga cannabis matul dawn l-aħħar ftit snin għaddew minn tibdil sostanzjali mnejn jirriżulta li l-pieni tbaxxew. Dan huwa muri minn każijiet riċenti bħal **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Abel Fernandez Vasquez** deċiża nhar it-28 t'April 2022 li kienet titratta każ t'importazzjoni, pussess aggravat u traffikar ta' cannabis fl-ammont ta' elf u mitejn gramma fejn f'kuntest li għalih ma kienx applikabbli l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti issentenzjat lill-ħati għall-piena ta' erba' snin u tminn xhur priġunerija flimkien ma multa ta' ħmistax il-elf euro. Inoltre fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Abigail Aborishade Abidemi** deċiż minn din il-Qorti kif presjeduta, l-akkużata ġiet sentenzjata għall-piena ta' ħames snin u sitt xhur priġunerija flimkien ma multa ta' tlieta u għoxrin elf euro (€23,000) għall-akkużi ta' importazzjoni u pussess kwalifikat ta' kilogramma pjanta tal-cannabis; f'dan il-każ sitt xhur priġunerija minnhom kienu komminati lilha in segwitu għall-sejbien ta' ħtija tat-tielet kap fejn hija ġie mixlija bil-kummissjoni tar-reati de quo fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża ta' sitt xhur u fejn allura l-Qorti ordnat li dik is-sentenza tiġi attivata kontra l-ħatja. Anke fil-każ ta' Aborishade ma kienx hemm il-benefiċċju tal-artikolu 29 applikabbli.

F'dan il-każ il-minimum tas-sentenza erogabbli mill-Qorti Kriminali hija l-piena ta' erba' snin priġunerija. L-Avukat Ġenerali tqis li f'dan il-każ hemm ċirkostanzi speċjali li jimmeritaw li l-akkużat jingħata l-benefiċċju tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta b'żewġ gradi. B'dan it-tnaqqis, il-piena fil-minimum li tista' tingħata minn din il-Qorti fit-termini tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa) tinżel minn minimum ta' erba' snin għal tliet snin priġunerija fil-każ ta' tnaqqis bi grad u għal sentejn priġunerija fil-każ ta' tnaqqis b'żewġ gradi. F'dan il-każ il-qbil jirriżulta fuq piena ta' sentejn u sitt xhur priġinerija flimkien ma multa ta' elfejn u ħames mitt euro (€2,500) li għalhekk tissarraf f'piena li hija iżjed mill-minimum li jista' jingħata b'dan it-tnaqqis b'żewġ gradi.

Huwa minnu li l-korreu Brian Godfrey Bartolo kien weħel il-piena ta' ħames snin priġunerija fuq l-istess fatti ta' dan il-każ. Iżda wieħed irid iqis li s-sitwazzjoni tal-akkużat APAP hija ferm differenti minn dik ta' Bartolo. Bartolo kien bniedem li kien magħruf sew fil-qasam tal-abbuż mid-droga

tant li kien plurireċidiv f'reati ta' traffikar ta' droga – ħaġa li l-akkużat APAP ma kienx kif anke jirriżulta mill-fedina penali aġġornata ta' APAP li turi li huwa impreġudikat. Għalkemm Bartolo kien weħel ħames snin priġunerija anke bl-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imġieba u l-grad ta' involviment ta' Bartolo kienet ukoll differenti minn dik ta' APAP. APAP kien involut bħal intermedjarju bejn Bartolo u Muscat, filwaqt li Bartolo kien dak li effettivament kien iġib u jissuplixxi d-droga.

Il-Qorti semgħet ukoll lid-Difiża fejn argumentat li filwaqt li qablet mal-Prosekuzzjoni fl-analiżi tagħha, hija provdiet ukoll ċertifikat mediku inkuż il-karta tal-identita li kienet turi li l-akkużat APAP huwa kunsidrat bħala persuna disabbli. Illum APAP irriforma ruħu u minkejja d-diżabilita tiegħu, jaħdem f'impjieg full-time mal-Arts Council.

Id-Difiża għamlet ukoll ċenn għas-sentenza **Ir-Republika ta' Malta vs. Justin Zahra et** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Marzu 2022 fejn il-piena erogata minn din il-Qorti u konfermata fl-appell kienet u baqgħet dik ta' tliet snin u sitt xhur priġunerija flimkien ma multa ta' tliet elef euro (€3000) u dan wara li l-Qorti tal-Appell Kriminali irrikonoxxiet li fil-każ fejn ikun applikabbli l-artikolu 22(2)(a)(i)(aa) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u dan jiġi abbinat mal-artikolu 29 tal-istess Kap, l-inżul mill-piena minima bi grad jiġi għal tliet snin priġunerija mentri nżul b'żewġ gradi jagħti minimum assolut ta' sentejn priġunerija.

Id-Difiża saħqet ukoll li meta wieħed jiġi biex iqabbel każ ma ieħor irid jittieħed in konsiderazzjoni kemm ikun l-ammont preċiż li tiegħu ikun ġie misjub ħati in kwantu differenzi ta' mija mitejn gramma bejn każ u ieħor jaf ikollhom rikaduta serja fuq il-piena li tkun ġiet inflitta. Għalhekk altru jkollok każ ta' pussess ta' disa mija u tmenin gramma cannabis u altru jkollok każ ta' elf u mitejn gramma cannabis. Din id-differenza fil-piż ukoll riedet tittieħed in konsiderazzjoni.

Inoltre, f'dan il-każ verament kien hemm it-trapass taż-żmien li għandu jittieħed in konsiderazzjoni. Fil-fatt l-akkużat APAP kien irreġistra ammissjoni bikrija ħafna għall-akkużi ta' traffikar u pussess kwalifikat tar-raża meħuda mill-pjanta cannabis, għalkemm ma ammettiex għar-reat ta' assoċjazzjoni. Dan wera wkoll li kien hemm koperazzjoni da parti tiegħu f'dan il-każ mal-Pulizija u huwa ammetta għal dawk ir-reati mal-ewwel opportunita disponibbli.

L-akkużat, tenniet id-Difiża kellu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta b'żewġ gradi grazzi għall-grad ta' koperazzjoni li

wera mal-Pulizija. Apparti dan, kien evidenti li l-Prosekuzzjoni kellha bżonn ix-xiehda tiegħu fil-każ kontra l-korreu l-ieħor li għad irid jiġi ċelebrat il-ġuri tiegħu.

Id-Difiża sostniet li l-fatt li l-Istat issa qed jikkunsidra s-sustanza nnifisha bħala legali l-outlook socio-politico-legali tagħha kellu effett anke fuq il-mod kif is-soċjeta tħares lejn id-droga cannabis u dan kellu rikaduta anke fuq il-pieni li qegħdin jiġu mogħtija mill-Qrati f'dawn l-aħħar snin u xhur. Huwa ċar li s-sentenzi dwar traffikar u pussess kwalifikat tal-cannabis qegħdin jonqsu. Waħda mill-fatturi hija peress li s-soċjeta Maltija qed tħares lejn is-sustanza cannabis innifisha b'mod differenti – tant li f'ammonti żgħar illum saret legali – ħaġa li qabel, u senjatament fiż-żmien meta seħħew dawn ir-reati ma kienetx. Iżda l-Qrati huma marbuta li jieħdu kont ukoll ta' dawn il-kambjament legali u socio-politiku.

F'dan il-każ il-patteġġjament huwa ġust u jidħol fis-sentenzi l-iżjed riċenti. Is-sentenzi l-iżjed riċenti juru fejn sejrin dawk il-parametri li kienu evidentement qegħdin juru pieni li qegħdin jonqsu minn dawk li kienu ħames snin, għaxar snin ilu.

Minbarra dan id-Difiża saħqet li APAP huwa persuna diżabbli u l-Prosekuzzjoni ħadet dan in konsiderazzjoni. Mill-banda l-oħra ma jistax jiġi mqabbel ma Brian Godfrey Bartolo, li kien magħruf bħala traffikant tad-droga li dakinhar stess ġie kundannat għal ħames snin priġunerija oħra fuq każ ieħor ta' abbuż mid-droga li kien akbar minn dan. Id-Difiża ikkonkludiet li l-karattru tal-persuna tagħmel id-differenza. Id-diskrezzjoni fl-għoti tal-piena tagħmel differenza.

Din il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-grad ta' involviment tal-akkużat fit-traffikar tad-droga f'dan il-każ minn fejn jirriżulta li huwa kellu rwol ta' intermedjarju bejn is-sors tad-droga u l-akkwirent. Ma kienx dak li forna d-droga materjalment, għalkemm kien dan li wassal biex ikun hemm il-kuntatti u l-arranġamenti biex id-droga tiġi supplita lid-destinatarju tagħha.

Rat ukoll li a differenza tal-persuna li kienet is-sors tad-droga f'dan il-każ, l-akkużat fiż-żmien tal-kommissjoni tar-reati de quo ma kienx reċidiv, inkluż fir-reati li bihom ġie mixli f'dan il-każ. L-anqas ma jirriżulta li bħalu kellu storja ta' abbuż u spaċċ ta' droga. Jirriżulta li l-akkużat kien bniedem li ħadem fuqu nnifsu u hemm qbil bejn il-partijiet li illum huwa riformat.

Huwa minnu li dan il-każ dam wisq sabiex wasal għad-deċiżjoni. Hemm diversi raġunijiet għal dan. Din il-Qorti wkoll qegħda tieħu kont tal-fatt li

minħabba dawn id-diversi raġunijiet, li mhux se tidħol fihom f'dan l-istadju, dan il-każ ittawwal inutilment.

Din il-Qorti meta qieset il-fatti partikolari ta' dan il-każ, u mhux l-inqas meta qablithom ukoll mal-fatti ta' diversi każijiet oħra, wħud minnhom imsemmija aktar il-fuq, tqis li f'dan il-każ partikolari għandha tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors konġunt.

**Għaldaqstant wara li rat l-artikoli 2, 8(b)(e), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(aa)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A, 26 u 29 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 2, 4, 9 u 16 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939), u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lil hati Marlon APAP għall-piena ta' sentejn u sitt xhur priġunerija u multa ta' elfejn u ħames mitt euro (€2500) li jekk ma titħallasx puntwalment tiġi konvertita fi priġunerija ai termini tal-artikolu 11 tal-Kodiċi Kriminali.**

**A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna wkoll lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż kollha tal-perizji inkorsi f'dan il-każ, fl-ammont ta' elf mija tlieta u disgħin euro wieħed u disgħin ċenteżmi (€1193.91) b'dan li jekk dawn l-ispejjeż peritali ma jitħallsux fi żmien sena mid-data tas-sentenza dawn jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skont il-Liġi.**

**Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat nonche l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-ħati.**

**Finalment, stante li d-droga għad hemm ħtieġa li tiġi preżervata in konnessjoni ma kawża oħra pendenti, tordna li d-droga tibqa' tiġi miżmuma mir-Reġistratur skont il-Liġi.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**